MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

**Il-Pulizija
(Supt. Patrick Spiteri)**

**vs**

**Martin Cachia bin Michael u Josephine nee Aquilina, mwieled Pieta' fid-29.03.1959, joqghod 238, Casa Martina, Triq l-Imhallef Harding, Pembroke, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 235859 M.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Martin Cachia li gie akkuzat talli fuq il-Monti ta' San Gakbu, Floriana u f'dawn il-gzejjer fis-16.07.2000 u f'dawn l-ahhar xhur b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-

istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u cioe:

(a) bi qligh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex tqassam xi artiklu jew xi haga ohra bi ksru tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-jew taht il-ligi ta' Malta u dan bi ksur ta' l-artikolu 298B tal-Ligjiet ta' Malta,
(b) talli xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew import ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq u dan bi ksur ta' l-artikolu 298(1)(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
(c) talli bi qliegh jew skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh jew qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh, jew biex tqassam minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b'licenzja, jew bhala parti minn attivita' operata b'tali licenzja xi artiklu jew xihaga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mill-jeddijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil- jew taht il-ligi ta' Malta u dan bi ksur tal-Avviz Legali 120/92. U aktar talli sar recidiv b'zewg sentenzi datati 06.01.1998 u 31.07.1998 liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.
Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra milli taghti l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna l-konfiska ta' l-oggetti esebiti kif ukoll kif ukoll tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-kaz li jinhatru xi esperti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghar-reati kif dedotti kontra tieghu.

Semghet ukoll lill-Ufficjal Prosekutur li qal li l-ammont maqbud huwa wiehed de minimis kif ukoll li sab

koperazzjoni minghand l-istess akkuzat li sahansitra mar minn jeddu jirrendi l-oggett suggett tar-reat, rat l-artikoli 298 B, 298(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Avviz legali 120/92, Art 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qeghda in vista ta' dak kollu premess timmultah is-somma ta' Lm 100 (mitt lira Maltija).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------